MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru. 71/2003

Il-Pulizija
(Spettur A.Mercieca)

vs

Maria Dolores Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzata tall f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Jannar, 2003, u matul l-erba snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ikkommettiet serq ta' affarjiet tal-ikel, detergents u food preserves minn Celine's Mini Market ta' Triq Luqa Briffa, Zejtun, ghad-detriment tas-sid, liema serq hu kkwalifikat li ma jeccedix elf lira maltin;

2. ukoll talli f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Jannar, 2003, u matul l-erba snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zmien differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement laqghet ghandha jew xrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux oppost;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi ghandu jkun bil-wisq car mill-atti processwali illi l-akkuzata ghandha tinstab hatja ta' serq. Ghalhekk t-tieni akkuza li titratta r-ricettazjoni ma treggix. Jew ireggi s-serq jew ir-ricettazjoni billi z-zewg reati huma ghad-eskluzjoni ta' xulxin.

Issa l-Qorti hi marbuta fil-konfront tal-akkuza ta' serq bit-termini tal-akkuza li tixli lill-akkuzata b'serq aggravat bil-persuna u valur li ma jeccedix l-Lm1000 ossija ekwivalenti ghal elfejn u tlett mitt euro circa. L-aggravju tal-persuna ma giex ippruvat u ma jinkwadax taht l-Artikolu 268 tal-Kap 9. Dwar l-aggravju tal-valur dan jirrisulta ai termini tal-akkuza. Jirrisulta pero' mill-atti li l-akkuzata ghamlet pagamenti li jinnewtralizzaw dan l-aggravju u liema fatt ser jittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Issib ghalhekk l-imputata hatja tal-ewwel akkuza izda mhux tat-tieni. Tiddecidi li tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

Spiegat lill-akkuzata r-responsabilita' taghha skont is-sentenza.

Tordna d-distruzzjoni tal-merkanzija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------